Kulleġġ San Injazju

***Nitgħallmu u Nikbru Flimkien***

# *Laqgħa għall-Ġenituri: Primarja Siġġiewi*

## KOLLABORAZZJONI BEJN L-ISKOLA U L-ĠENITUR JEW KUSTODJU



Kull skola ġewwa l-Kulleġġ ta' San Injazju tagħraf l-importanza tal-ġenituri u l-kustodji għall-iżvilupp u t-tagħlim ta' kull student. L-iskola iżżomm l-impenn li dejjem tinvolvi u tinforma lill-ġenituri b'dak li jkun għaddej. Kull ġenitur għandu dritt li jitlob li jiddiskuti affarijiet li jkunu qiegħdin jinkwetawh jew li jrid jiċċara. Fuq kollox kull ġenitur jew kustodju għandu dritt jistenna edukazzjoni tajba għat-tfal tiegħu huma x'inhuma l-abilitajiet tagħhom.

Hemm bżonn li l-iskola u l-ġenituru jikkoperaw u juru rispett reċiproku bejniethom. Huwa mportanti li min jieħu ħsieb lit-tfal jifhem l-importanza li jkun dejjem ta' eżempju tajjeb u jifhem l-importanza li jaħdem dejjem id f'id ma' l-iskola.

Hawn taħt hawn suġġerimenti ta' x'jista' persuna jagħmel sabiex dejjem ikun hemm kollaborazzjoni xierqa bejn skola u ġenituri.

## X'INHU MISTENNI MILL-ĠENITURI U KUSTODJI

- Uri nteress fil-progress akkademiku u soċjali tat-tifel jew tifla tiegħek. Attendi l-laqgħat ta' l-iskola u attivitajiet oħra li jiġu organizzati.
- Żomm l-iskola nfurmata b'dettalji validi u b'informazzjoni medika skond il bżonn.
- Uri rispett lejn kull min jaħdem l-iskola u lil ġenituri oħra. Ħadd mhu permess ikellem tfal li mhumiex tiegħu.
- Meta jkun hemm bżonn li xi ħaġa tiġi diskussa ma' l-iskola inti mitluba tibgħat nota jew iċċempel sabiex tagħmel appuntament.
- Żomm l-uniformi nadifa, ibgħat lit-tfal l-iskola b'mod regolari u fil-ħin. Ara lit-tfal għandhom magħhom il-kotba u dak li għandhom bżonn. Għinhom iżommu l-basket nadif u ma jieħdux affarijiet mhux permessi magħhom l-iskola.
- Fl-iskola u fil-madwar mhux permess it-tipjip.



## X'INHU MISTENNI MINN KULL STUDENT

Kull student għandu dritt għal edukazzjoni xierqa huma x'inhuma l-abilitajiet tiegħu jew tagħha. L-istudenti huma mistennija li juru rispett u li dejjem jagħmlu l-aħjar li jistgħu.

***Gwida għal Imġiba tajba fil-Klassi***

- L-istudenti huma mistennija li jiġu l-iskola b'mod regolari u fil-ħin. L-istudenti mistennija li jġibu magħhom dak kollu li hemm bżonn u jagħmlu dejjem l-aħjar li jistgħu.
- L-istudenti mistennija li joqgħodu attenti fil-klassi u li jipparteċipaw waqt il-lezzjoni. Mistennija wkoll li jagħmlu x-xogħol tad-dar bl-aħjar mod possibbli.
- L-uniformi trid tintlibes kollha u tinżamm nadifa u pulita. Id-dwiefer iridu jkunu qosra u ndaf, ix-xagħar b'kulur naturali u miġbur, waqt li ġojjellerija aħjar ma tintlibix.
- L-istudenti mistennija jitkellmu ma' kulħadd b'rispett, ma jkunux arroganti u ma jirrispondux.
- Huwa mistenni minn kull student li jieħu ħsieb l-affarjiet ta' l-oħrajn u l-propjeta' ta' l-iskola. Propjeta' ta' persuni oħra ma tistax tintmess bla permess.
- Vjolenza, logħob goff, bullying, tagħjir mhux tollerat.
- Kull student irid jistaqsi għall-permess qabel joħroġ mill-klassi għal xi raġuni.
- Fil-kurituri mistennija li nimxu mhux niġru waqt li ħadd mhu permess jitlajja bla bżonn.
- Kull grupp ta' studenti għandhom spazju apposta fejn joqogħdu fil-bitħa. Ħadd ma jista' joqgħod waħdu fil-klassi.
- It-trasport ta' l-iskola huwa privileġġ li jista' jintilef jekk ma jkunx hemm imġiba responsabbli.



## NOTA TA' L-AĦĦAR

Id-dokument 'Imġieba Tajba fl-Iskejjel' huwa bbażat fuq dixxiplina pożittiva.

Permezz ta' dixxiplina pożittiva nippruvaw nifhmu għaliex student jagħżel li ma jobdix ir-regoli. Nagħmlu użu minn strateġiji li jnaqqsu mġiba mhux mixtieqa waqt li nagħllmu lill-istudent jaġixxi aħjar. Dixxiplina pożittiva tagħqqad flimkien l-iskola, l-ġenituri u l-istudent innifsu għall-aħjar interess ta' l-istess student.

Il-koperazzjoni bejniet l-iskola, l-ġenituri u l-istudent hija mportanti waqt li r-rispett reċiproku jrid jibqa' fuq moħħ kulħadd. Ir-rispett reċiproku jwassal għal ambjent aħjar fejn l-istudenti kollha jistgħu jitgħallmu u jikbru sabiex ikunu ċittadini b'valuri sodi.

KUN DEJJEM TA' EŻEMPJU TAJJEB

ŻOMM IR-REGOLI FTIT U SEMPLIĊI

IKKOMUNIKA

KUN KONSISTENTI

ŻOMM IL-KALMA